# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 14/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann Fenech)**

**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Clyde Mallia**

Illum, 30 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Ufficcjal tal-Probation tat-18 ta'Awwissu, 2016 li bih talab lill-Qorti tal-Magistrati tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni u dan wara li ppremetta li Clyde Mallia kien naqas li jzomm f'kuntatt mieghu kif ukoll li naqas milli joqghod ghal diversi direttivi sabiex jibda jattendi appuntamenti mas-social worker fi hdan l-Agenzija Appogg u li b'hekk kien qed juri inkonsistenza fl-appuntamenti mal-Ufficcjal tal-Probation u li mhux qed ikun possibbli li ssir is-supervizjoni u l-ghajnuna necessarja li hija parti integrali mill-Ordni ta' Supervizjoni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal- Minorenni tal-11 ta' Jannar, 2017 li biha sabet lid-denunzjat appellant hati li ma qaghadx ghall-htigijiet tal l-ordni ta' supervizjoni datat 3 ta' Frar 2016 u dahlet fis-sehh is-sentenza datata 3 ta' Frar, 2016 moghtija fil-konfront ta' Cyde Mallia li permezz taghha kien ikkundannat ghal sena prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2017, li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi dan l-appell jirrigwarda Ordni ta' Supervizjoni mposta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant b'dan illi wara li naqas milli joqghod ghal istruzzjonijiet moghtija mill-Ufficcjal ta' Probation assenjat sabiex jaghmel dik is-sorveljanza bis-sahha ta' sentenza tat- 3 ta' Frar, 2016, l-istess Qorti ghazlet li ddahhal fis-sehh s-sentenza ta' sena prigunerija sospizi fit-termini tal-artikolu 28 A tal-Kodici Krimianli;
2. L-isfond tal-procedura odjerna jirrisali ghas-sena 2015 meta fit-12 ta' Ottubru l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni (Malta) biex iwiegeb ghall-imputazzjoni ta' serq

akkumpanjat bl-aggravju tal-mezz u tal-valur kommess fit-8 ta' Lulju, 2015 u b'tentattiv ta' serqa ohra fit-28 ta' Lulju, 2015. L-appellant, allura imputat, kien ammetta ghal-dawk l-imputazzjonijiet u b'sentenza tat-3 ta' Frar, 2016 l-Qorti wara li ddikjaratu hati, ikkundannatu ghal-sena prigunerija li fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kienu sospizi ghal-perjodu ta' sentejn u inoltre qeghditu taht ordni ta' supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn;

3. Permezz ta' nota introdotta fil-11 ta' Frar, 2016, is-Senior Probation Officer infurmat lill-Qorti bin-nomina tal-Ufficcjal tal-Probation ghall-iskop tal-ordni ta' supervizjoni. Fl-10 ta' Gunju 2016, l-Ufficcjal tal-Probation kienet irraportat lill-Qorti li kienet qed issegwi lill-Clyde Mallia fuq zewg ordni ta' supervizjoni ohra u wara li elenkat id-diffikultajiet li kien iffaccja u qieghed jiffaccja fil-hajja tieghu u li wara li kien inghata l-helsien mill-arrest fuq kaz iehor kien qed jattendi l-appuntamenti b'mod pjuttost regolari izda kien qed jirrizulta pozittiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti;

4. Fit-18 t'Awwissu, 2015, imbaghad, l-istess Ufficcjal tal-Probation kellha tirrikorri sabiex tiddenunzja lill-appellant quddiem l-ewwel Qorti ghar-ragunijiet esposti *supra*. Il-Qorti semghet lill-istess ufficcjal bil-gurament meta spjegat li ftit wara li kienet inharget l-ordni ta' supervizjoni, l-appellant kien arrestat fuq kaz iehor u kienet tmur zzuru l-habs biex issegwih skond l-ordni ta' supervizjoni. Ghamlet kuntatt mal-familjari tieghu izda meta hareg, attenda ftit appuntamenti izda sussegwentement beda jonqos milli jattendi u kienet imhassba ghaliex kien qed jirrizulta pozittiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti. Waqt li kien il-habs jidher li ma kienx hemm problemi kwantu obbidjenza. Dik kienet deposizzjoni tad-29 t'Awwissu 2016 u dak inhar il-Qorti iffissat appuntament li fih kellu jattendi l-appellant quddiem l-ufficcjal tal-probation. L-istess ufficcjal regghet xehedet fil-11 ta' Jannar, 2017u spjegat li l-appellant kien attenda wara hafna rezistenza u

attitudini negattiva u kien mar ukoll ghal xi laqghat ohra izda f'dik l-istess tmiem il-gimgha rega' kien arrestat fuq allegat serq ta' vann u rega' ghamel zmien mizmum fil-facilita' tal-YOURS. Wara li inheles, attenda ghall-tlett appuntamenti u ma attendiex ghal tlieta ohra u rrizulta pozittiv ghall-uzu ta' kokaina f'kull test t'urina li sarlu. Huwa ma zammx ukoll mal-appuntamenti tat-tabib tas-Sedqa u spjegat li jezistu problemi fil-familja fosthom dawk finanzjarji fejn qed jghixu bla elettriku u d-dar taghhom hija sekwestrata;

5. Id-denunzja tal-Ufficcjal tal-Probation kienet rizolta bis-sentenza tal-ewwel Qorti kif fuq spjegat billi dahhlet in effett it-terminu ta' sena prigunerija;

6. L-appell odjern huwa limitat ghal-piena kominata mill-ewwel Qorti u l-appellant iressaq l-argument illi piena karcerarja bl-ebda mod ma hi ser tghinu u ser iddahhlu f'aktar problemi ghaliex dak li ghandu bzonn hija ghajnuna professjonali b'kura appozita kontra l-vizzju tad-droga. Jargumenta ukoll illi l-ewwel Qorti kienet harxa wisq mieghu bl-imposizzjoni ta' sena prigunerija meta setghet timponi fuqu l-ammenda u jaghmel referenza ghal-sentenzi li fihom il-Qorti tat opportunita' lill-appellanti biex jirriformaw ruhhom;

7. Fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2019, din il-Qorti semghet lill-Ufficcjal tal-Probation, fuq talba tal-appellant, li spjegat dwar l-opportunitajiet li l-appellant inghata mill-Qorti biex ikun jista' jirriforma ruhu. Spjegat ukoll illi ghal-dawk l-ahhar disa' xhur kien mizmum il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u ovvjament kien nadif mid-droga pero' l-attitudini tieghu ma tantx kienet wahda tajba fejn kien imwissi diversi drabi sabiex juri aktar rispett lejn l-awtoritajiet n-nuqqas ta' liema wasslitu il-habs minhabba glieda ma' persuni inkluz allegazzjonijiet fuq ufficcjal li jahdem il-YOURS. Mill-31 ta' Marzu, kemm ilu mizmum taht arrest, jidher li hu tajjeb u t-testijiet tal-urina huma negattivi u jghid li irid jibda programm jekk jinghata l-helsien mill-arrest. Kien spjegat ukoll lill-Qorti illi

meta l-appellant ma kienx il-habs kien instablu *placement* gewwa *residential home* bil-ghan li jinqata' mill-ambjent negattiv li hemm fid-dar tieghu pero' kien dejjem jirrifjuta l-ghajnuna;

8. L-appellant ghamel referenza ghal diversi sentenzi ta' din il-Qorti rigwardanti l-principju tal-gustizzja riparattiva b'mod partikolari dwar l-hekk imsejha "window of opportunity". Il-Qorti hija konxja ta' dawn is-sentenzi li ghandhom fil-mira ir-riforma tal-persuna misjuba hatja meta jkun hemm dak ix-xaqq ta' dawl fil-hajja taghha. Huwa minnu li uhud mill-hatja jkunu vittmi tac-cirkostanzi li trabbew fihom u daqstant minnu illi meta murija li hemm possibilita' ta' riforma inghataw l-opportunita ghal aktar minn darba u kien ghalhekk li anke din il-Qorti kif preseduta ghazlet kemm il-darba li timxi f'din id-direzzjoni suggerita mill-appellant;

9. Minn ezami akkurat tax-xhieda tal-Ufficcjal tal-Probation jidher illi l-appellant dejjem ikun qieghed sew meta konfinat ghal-mizuri ta' restrizzjoni ta' liberta. Appena jkun skarcerat jibdew il-problemi relatati mad-droga u konsegwenzjali serq. Il-Qorti tifhem ukoll il-frustrazzjoni u dizappunt tal- Ufficcjal tal-Probation li jkollhom jirrikorru ghal denunzja bhal dik odjerna u jkollhom jixhdu dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni tal-hati anke ghaliex huma stess ihossuhom li ma lahqux l-ghan li ghalih kienu nominati mhux minhabba xi nuqqas attribwibbli lilhom izda ghar-recezzjoni negattiva da parti tal-hati. Fl-esperjenza taghha din il-Qorti rat kazijiet simili u ghal beneficcju tal-possibilita' li jfegg xi xaqq ta' dawl ddiferiet l-appell ghal diversi drabi sakemm l-istess ufficcjal finalment rregistra andament pozittiv u dik li setghet deheret bhala xi forma ta' allontanament mir-relazzjoni bejn l-ufficcjal u l-hati li fil-fehma tal-Qorti tixbah jekk mhux hafna drabi tirrimpjazza ir-relazzjoni bejn il-genituri u l-wild, tkun reintrodotta b'mod li issa l-hati jkun aktar recettiv tal-istruzzjonijiet tal-ufficcjal;

10. Fil-kaz in disamina, izda, u bi sfortuna, dan ma sehhx. Huwa l-hati denunzjat li irid juri li hemm il-possibilita' fih ta' riforma li ghalissa jidher li ghandu nieqes ghall-kollox. Il-Qorti qatt ma taqta' qalbha dwar il-possibilita' li hati jistenbah u jinduna jew tinduna li dawk ir-rizorsi kollha impjegati mill-istituzzjonijiet huma ghal-beneficcju tieghu jew taghha biss intizi sabiex jerghu jaghmlu minnu cittadin denju u indipendenti. Dan ghadu ma gharfux l-appellant odjern u din il-Qorti tasal biex tghid illi z-zmien ta' karcerazzjoni impost mill-ewwel Qorti huwa necessarju anke ghall-ahjar tieghu nniffsu;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u l-Qorti tawgura lill-appellant mhux biss li jifhem l-ghan ta' din il-mizura izda ukoll sabiex juza iz-zmien ta' nkarcerazzjoni ghal beneficcju tieghu fejn hemm ukoll jista' jfittex u jottjeni ghajnuna ghal meta jsib ruhu liberu mill-gdid.